MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1656/2001/1

**STENCIL PAVE (MALTA) LIMITED**

**vs**

**Dr. Maria DEGUARA bħala Sindku u Paul Gatt bħala Segretarju esekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Naxxar**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Ottubru, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi ġiet inkarigata mill-Kunsill Lokali konvenut sabiex tesegwixxi appalt ta' xogħlijiet ta' *Construction of Plateau and Resurfacing Works*, derivanti mit-tender numru 01/00 maħrug mill-istess Kunsill Lokali konvenut;

Illi l-imsemmija xogħolijiet ġew debitament kompletati mis-soċjeta' attriċi, illi preżentat il-kont finali tagħha lill-Kunsill Lokali konvenut (Dokment A), fis-somma kumplessiva ta' Lm17,286.80;

Illi l-Kunsill Lokali konvenut sallum ħallas lis-soċjeta' attriċi biss is-somma akkont ta' disat elef liri maltin (Lm9,000), u għalhekk il-Kunsill Lokali konvenut għadu debitur lejn l-istess soċjeta' attriċi fis-somma bilanċjali ta' tmint elef, mitejn u sitta u tmenin liri maltin u tmenin ċenteżmu (Lm8,286.80);

Illi  nonostante interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata s-26 ta' Settembru 2001, u debitament notifikata fid-29 ta' Settembru 2001, il-Kunsill Lokali konvenut baqa' inadempjenti mingħajr ebda raguni jew eċċezzjoni valida fil-liġi;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raguniiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef, mitejn u sitta u tmenin liri maltin u tmenin ċenteżmu (Lm8,286.80), jew somma oħra verjuri li tiġi talvolta likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' esperti nominandi, rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tax-xogħolijiet esegwiti mill-istess soċjeta' attriċi fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tal-Kunsill Lokali konvenut, kif fuq spjegat;

Bl-ispejjeż,  inkluz dawk ta' l-ittra uffiċjali datata s-26 ta' Settembru 2001, u bl-imgħaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Marzu 2000, u ċioe' mid-data illi fiha ġie preżentat il-kont finali, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l- Kunsill Lokali konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi u d-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-28 ta' Novembru, 2001, li biha l-Kunsill imħarrek eċċepixxa:

1. Illi t-talba tas-soċjeta' attriċi kif imposta kontra l-konvenut hija nulla stante illi l-Kunsill Lokali tan-Naxxar ma għandux rappreżentanza ġuridika imma s-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv għan-nom tal-Kunsill Lokali huma r-rappreżentanti ġuridiċi u dan abbażi tal-artiklu sebgħa u għoxrin (27) tal-Att XV ta' 1993 l-Att li jipprovdi għat-twaqqif ta' Kunsilli Lokali;

2. Illi t-talba tas-soċjeta' attriċi hija preskritta ai termini tal-Liġi u dan abbażi tal-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili Kapitoli 16;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma infondati kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt stante illi x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti tant li l-kulur ma għadux hemm u l-istencil paving niżel tant li sparixxa;

4. Illi dan il-progett kellu jkun il-ġojjel tal-pjazza tan-Naxxar li tant huwa ikrah li qisu ingħata tarmak normali u l-effett li kien ġie imwiegħed spiċċa f'qasir żmien;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-nota tax-Xiehda tal-Kunsill imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 ta' Jannar, 2002[1], li bih u fuq talba b'rikors imressaq mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Diċembru, 2001, ordnat li jintgħamlu xi bidliet fl-att taċ-Ċitazzjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-9 ta' Jannar, 2002, li matulu l-Kunsill imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Semgħet il-provi tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġ. 23 tal-proċess

Rat id-Degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet imwettqa f'appalt. Il-kumpannija attriċi tqabbdet mill-Kunsill imħarrek biex tagħmel xogħol f'misraħ ewlieni fin-Naxxar u qegħda tfittex għall-ħlas tal-bilanċ;

Illi, għal din l-azzjoni, il-Kunsill imħarrek laqa' billi, fost l-oħrajn, qiegħed jgħid li lill-kumpannija attriċi għalqilha ż-żmien biex tressaq il-kawża. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li hija mibnija fuq fuq iż-żmien tat-tmintax-il (18) kif imsemmi fl-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili. Għalkemm il-Kunsill eċċipjenti ma deherlux li għandu juri taħt liema waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu, jidher li x'aktarx qiegħed jirreferi għall-paragrafu (a);

Illi mill-fatti li joħorġu s'issa mill-atti tal-kawża jirriżulta li fl-ewwel jiem tal-2000, il-kumpannija attriċi kienet inħatret b'offerta (*tender*) mill-Kunsill imħarrek biex twettaq appalt għall-bini ta' *plateau* u xogħol ta' kisi ta' wiċċ Misraħ il-Vitorja fin-Naxxar. Fid-9 ta' Marzu, 2000, il-kumpannija attriċi ħarġet fattura għall-ħlas tal-imsemmija xogħlijiet[2]. Dan kien fl-istess jum li fih intemmu x-xogħlijiet[3]. Fil-15 ta' Marzu, 2000, il-Kunsill imħarrek ħallas disat elef lira (Lm 9,000) akkont. B'ittra tat-12 ta' Ġunju, 2001[4], is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill kiteb lill-kumpannija attriċi biex tikkonferma, għall-finijiet ta' awditjar, il-bilanċ li l-istess Kunsill kien għadu qiegħed jidher dovut minnu lilha fil-kotba tiegħu. Fis-26 ta' Settembru, 2001, l-kumpannija

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 5-11 tal-proċess
[3] Xhieda ta' Paul Gatt 23.1.2003, f'paġ. 30 tal-proċess
[4] Dok "SP1", f'paġ. 33 tal-proċess

attriċi ressqet ittra uffiċjali[5] kontra l-Kunsill biex titolbu jħallasha l-bilanċ, liema ittra ntlaqgħet minn rappreżentant tal-Kunsill tlitt (3) ijiem wara. Fis-17 t'Ottubru, 2001, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li f'kull każ li tittella' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol jiġi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies[6]. Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt kruċjali, għaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tiċħad l-eċċezzjoni[7];

Illi fil-każ preżenti, ingħad[8] li bejn il-Kunsill imħarrek u l-kumpannija attriċi kien hemm ftehim ta' appalt bil-miktub. F'dan il-każ, jidher li hemm qbil dwar meta x-xogħol mogħti ntemm. Ħarġet xhieda li turi li l-ebda xogħol ieħor ma sar mill-kumpannija attriċi wara d-9 ta' Marzu, 2000, u li mhux magħdud mal-partiti msemmija fil-fattura. Huwa għalhekk minn dak inhar li jibda jintgħadd iż-żmien tal-preskrizzjoni;

Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni[9]. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq[10];

Illi ngħad ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[11]. Fil-każ li għandha

---

[5] Dok "SP2", f'paġġ. 34-5 tal-proċess
[6] Art. 2137 tal-Kap 16
[7] Ara App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et.*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[8] Xhieda tal-Paul Gatt 19.6.2003
[9] App. Kumm **15.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)
[10] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Guido Vella vs Emanuel Ċefai*** (mhix pubblikata)
[11] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm. **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (Mhix pubblikata)

quddiemha l-Qorti, jidher ċar li l-kumpannija attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-eżistenza tal-kuntratt tal-appalt, u għalhekk jingħad li l-preskrizzjoni eċċepita mill-imħarrek taħt l-artikolu 2148(a) għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-azzjoni kif mibnija. Dan ikun ifisser ukoll li jekk l-appalt allegat kien wieħed li l-verifika tiegħu ssir malli jsir l-aħħar kejl, l-eżerċizzju kollu jitqies bħala ħaġa waħda[12] u mhux bħala għadd ta' ħatriet;

Illi ngħad li l-preskrizzjoni dwar appalt tapplika għall-każijiet fejn persuna twettaq ħidma spekulattiva li r-riskju tagħha jibqa' fil-persuna li tagħmel ix-xogħol sakemm issir il-kunsinna[13], u għalhekk biex preskrizzjoni tista' tirnexxi fuq dak l-artikolu jrid jintwera li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt[14], u mhux sempliċi kuntratt ta' bejgħ ta' biċċa xogħol[15];

Illi b'mod partikolari ġie stabilit ukoll li, dwar azzjoni fejn persuna tfittex għall-ħlas ta' xogħol li tkun wettqet għal stallazzjoni ta' servizz f'post ma japplikax l-artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili[16], li jirreferi għall każijiet ta' xogħol imwettaq bl-imnut[17]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, żgur li ma jistax jingħad li dan tal-aħħar kien l-arranġament milħuq bejn il-partijiet;

Illi għalhekk il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li ż-żmien preskrittiv li fuqu l-Kunsill imħarrek isejjes l-eċċezzjoni tiegħu ma japplikax għall-każ preżenti;

Illi minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "*tissupplixxi*

---

[12] Art 1637 tal-Kap 16
[13] Kumm. **14.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi noe vs Delicata pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.710**)
[14] Kumm GOR **19.11.1974** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Giovanni Bonello noe vs AIC Joseph Xuereb et noe*** (Mhix pubblikata)
[15] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Formosa vs Salvu Debono*** (mhix pubblikata)
[16] Ara Kumm. GS **15.4.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***AnthonyAġius noe vs Norman Spiteri noe et*** (mhix pubblikata)
[17] App. Ċiv. **18.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Tabone*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.102**)

*għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tiegħu inizzjattiva*"[18];

Illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-preskrizzjoni (speċjalment dik tax-xorta li toqtol il-proċess) hija istitut li, min-natura tiegħu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika għalih il-liġi u jitfisser dejjem b'mod li ma jġibx fix-xejn il-għan li għandu jsir ħaqq fuq is-sustanza tal-kwestjoni. Din ukoll hija ċirkostanza li din il-Qorti temmen fiha bil-qawwa kollha u qisitha sewwa biex waslet għall-fehmiet tagħha fuq il-fatti li tressqu quddiemha f'dan il-każ;

Illi, mbagħad, fil-każ preżenti, tressqu wkoll provi li juru li l-Kunsill imħarrek fl-ewwel lok wettaq ħlas akkont tal-ammont sħiħ li kien dovut[19], u, fit-tieni lok, li f'okkażjoni oħra jidher li għaraf li huwa kien debitur[20] tal-kumpannija attriċi. Minbarra dan, il-kumpannija attriċi ħarġet ittra uffiċjali kontra l-Kunsill imħarrek, liema ittra ġiet notifikata kif imiss. Dawn it-tliet ċirkostanzi jiksru l-preskrizzjoni, billi jwaqqfu ż-żmien li jkun għadda u li jerġa' jibda għaddej mill-ġdid;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-Kunsill imħarrek ma seħħlux juri li l-eċċezzjoni tiegħu dwar il-preskrizzjoni kif imfassla hija mistħoqqa fiċ-ċirkostanzi tan-natura tal-azzjoni mressqa kontrih;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[18] App. Ċiv. **11.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)
[19] Art. 2134 tal-Kap 16
[20] Artt. 2133 u 2151(2) tal-Kap 16

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-Kunsill imħarrek bħala mhix imsejsa sewwa fil-fatt u fil-liġi, bl-ispejjeż ta’ din id-deċiżjoni kontra tiegħu; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------